

## DIRETTIVA TA' DELEGA TAL-KUMMISSJONI 2014/2/UE

tat-18 ta' Ottubru 2013

li temenda, għal skopijiet ta' adattament għall-progress tekniku, l-Anness IV tad-Direttiva 2011/65/UE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill fir-rigward ta' eżenzjoni għal kadmju fil-kisjiet tal-fosfru f'intensifikaturi tal-immaġni għal ritratti bir-raġġi X sal-31 ta' Diċembru 2019 u fil-parts ta' sostituzzjoni għas-sistemi tar-raġġi X imqiegħda fis-suq tal-UE qabel l-1 ta' Jannar 2020

(Test b'relevanza għaż-ŻEE)

IL-KUMMISSJONI EWROPEA,

Artikolu 2

Wara li kkunsidrat it-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea,

Wara li kkunsidrat id-Direttiva 2011/65/UE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-8 ta' Ġunju 2011 dwar ir-restrizzjoni tal-użu ta' ċerti sustanzi perikolużi fit-tagħmir elettriku u elettroniku <sup>(1)</sup>, u b'mod partikolari l-Artikolu 5(1)(a) tagħha,

Billi:

- (1) Id-Direttiva 2011/65/UE tipprojbixxi l-użu tal-kadmju fit-tagħmir elettriku u elettroniku mqiegħed fis-suq.
- (2) It-total tal-impatti negattivi tal-alternattivi fuq l-ambjent u s-saħħa jisbqu l-benefiċċji tas-sostituzzjoni tal-kadmju fil-kisjiet tal-fosfru fl-intensifikaturi tal-immaġni għal ritratti bir-raġġi X u fil-parts ta' sostituzzjoni għas-sistemi tar-raġġi X.
- (3) L-użu tal-kadmju fil-kisjiet tal-fosfru fl-intensifikaturi tal-immaġni għal ritratti bir-raġġi X u fil-parts ta' sostituzzjoni għas-sistemi tar-raġġi X għandu għalhekk jiġi eżentat mill-projbizzjoni.
- (4) Id-Direttiva 2011/65/UE għalhekk għandha tiġi emendata skont dan,

ADOTTAT DIN ID-DIRETTIVA:

Artikolu 1

L-Anness IV tad-Direttiva 2011/65/UE huwa emendat kif stipulat fl-Anness ta' din id-Direttiva.

1. L-Istati Membri għandhom idaħħlu fis-seħħ il-liġijiet, ir-regolamenti u d-dispożizzjonijiet amministrattivi meħtieġa sabiex ikunu konformi ma' din id-Direttiva mhux aktar tard mill-aħħar jum tas-sitt xahar wara d-dħul fis-seħħ. Huma għandhom minnufih jikkomunikaw lill-Kummissjoni t-test ta' dawn id-dispożizzjonijiet.

Meta l-Istati Membri jadottaw dawk id-dispożizzjonijiet, dawn għandhom jirreferu għal din id-Direttiva jew ikunu akkumpanjati mit-tali referenza fil-waqt tal-pubblikazzjoni uffiċjali tagħhom. L-Istati Membri għandhom jiddeċiedu kif għandha ssir it-tali referenza.

2. L-Istati Membri għandhom jikkomunikaw lill-Kummissjoni t-test tad-dispożizzjonijiet ewlenin tal-liġi nazzjonali li huma jaddottaw fil-qasam kopert minn din id-Direttiva.

Artikolu 3

Din id-Direttiva għandha tidħol fis-seħħ fl-għoxrin jum wara dak tal-pubblikazzjoni tagħha f'Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea.

Artikolu 4

Din id-Direttiva hija indirizzata lill-Istati Membri.

Magħmul fi Brussell, it-18 ta' Ottubru 2013.

Għall-Kummissjoni

Il-President

José Manuel BARROSO

<sup>(1)</sup> ĠU L 174, 1.7.2011, p. 88.

## ANNEX

Fl-Anness IV tad-Direttiva 2011/65/UE, jiżdied il-punt 21 li ġej:

- “21. Il-kadmju fil-kisjiet tal-fosfru fl-intensifikaturi tal-immaġni għal ritratti bir-raġġi X sal-31 ta' Diċembru 2019 u fil-parts ta' sostituzzjoni għas-sistemi tar-raġġi X imqiegħda fis-suq tal-UE qabel l-1 ta' Jannar 2020.”
-